**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 145/2021 MS*

**Emanuel Borg**

**Vs.**

**Silvio Vella kif assistit mill-kuratur Christian Vella**

Illum, 13 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-18 ta' Frar, 2021, li permezz tiegħu, wara li ppremetta:

> Illi b'konvenju redatt min-Nutar Dottor Ian Spiteri datat 26 ta' Mejju 2020 u debitament registrat, il-konvenut Silvio Vella intrabat u obbliga ruhu li jbiegh, jassenja u jittrasferixxi lill-esponent, li accetta, u ntrabat li jixtri

minghandu t-terraced house bil-garaxx anness, markata ufficjalment bin-numru 75 u jisimha Bodmin Lodge, fi Triq Sant'Antnin Marsaskala, bil-prezz u l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-istess konvenju.

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 2020, l-esponent sejjah lill-konvenut Silvio Vella biex jersaq ghall-kuntratt tal-bejgh relattiv skond il-konvenju msemmi, pero' dan baqa' inadempjenti.

Illi minhabba f'hekk, l-esponent talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat biex dan jinzamm milli jbiegh din id-dar lil terzi (Inib. Nru. 1402/20FDP), u beda anke proceduri ghall-ezekuzzjoni fit-termini tal-ligi tal-istess konvenju, liema proceduri fl-ismijiet **Emanuel Borg vs Silvio Vella** (Rik. Gur. Nru. 915/2020RGM) jinsabu pendenti quddiem din il-Qorti u differiti ghas-seduta tal-11 ta' Mejju 2021.

Illi intant, fit-28 ta' Settembru 2020, fl-istess jum li kellu jigi pubblikat l-att tal-bejgh tad-dar imsemmija, Christian Vella, neputi tal-intimat Silvio Vella ghamel talba b'urgenza lill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) biex l-intimat Silvio Vella jigi interdett jew inabilitat, biex tahtar lilu bhala kuratur ta' zijuh u biex tistabilixxi data ghall-bidu fis-sehh tar-ragunijiet tal-interdizzjoni jew inabilitazzjoni, fost talbiet ohra.

Illi kif l-esponent sar jaf b'din it-talba, b'rikors prezentat fid-19 ta' Ottubru 2020, huwa mmedjatament gharraf lill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) bil-konvenju li kellu mal-intimat Silvio Vella, bil-procedimenti li diga' kien intavola kontrieh, u bil-kontestazzjoni li kellu dwar l-allegat stat ta' inkapacita' ta' Silvio Vella fis-26 ta' Mejju 2020 meta ffirma l-konvenju ghall-bejgh tad-dar f'Marsaskala mal-esponent quddiem in-Nutar Dottor Ian Spiteri.

Illi minkejja dan, permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' Novembru 2020, il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) iddikjarat li l-intimat *'Silvio Vella ilu mhux kapaci jiddisponi minn gidu skond il-ligi mill-anqas sa mill-1 ta' Jannar 'l quddiem'*, inabilitatu b'effett b'lura mill-1 ta' Jannar 2020 u nnominat lil Christian Vella bhala kuratur tieghu fit-termini tal-artikolu 520 *et seq.* tal-Kap. 12, bl-awtorita' li jirraprezenta lil Silvio Vella fi kwalunkwe proceduri fil-Qrati Maltin sakemm l-inabilitazzjoni tibqa' effettiva.

Illi inoltre, bl-istess digriet numru 1521/2020 tat-30 ta' Novembru 2020, il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), cahdet it-talba tal-esponent sabiex kwalunkwe decizjoni dwar l-inabilitazzjoni tal-intimat Silvio Vella tibqa' minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-esponent naxxenti mill-konvenju ta' bejgh imsemmi u mertu tal-proceduri gudizzjarji ga pendenti fuq imsemmija, u dan ghar-raguni li *'din il-Qorti stabiliet li l-inkapacita' ta' Silvio Vella maghruf ukoll bhala Silvio Vella Clarke ilha tippersisti mill-anqas mill-1 ta' Jannar, 2020'*.

Illi in kwantu bl-imsemmi digriet, il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) iddikjarat li l-intimat Silvio Vella kien mhux kapaci jiddisponi minn gidu fiz-zmien ta' qabel l-istess digriet, sa mill-1 ta' Jannar 2020 'l quddiem, l-istess digriet inghata bi ksur tal-**art. 525(1)** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u ghalhekk ma jiswiex.

Illi inoltre, in kwantu bl-istess digriet, il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) iddecidiet il-kwistjoni tal-kapacita' legali tal-intimat biex intrabat b'weghda ta' bejgh mal-esponent fis-26 ta' Mejju 2020, meta l-esponent kien ga ddikjara l-kontestazzjoni tieghu, u li din kienet lahqet giet dedotta b'kawza quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza, l-istess Qorti eccediet il-kompetenza taghha, u ghalhekk ma jiswiex

ipproċeda biex talab lil din il-qorti, prevja kull ordni jew provvediment ieħor opportun, jogħġobha:

(i) tiddikjara u tiddeciedi li, skond l-artikolu 525(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni tibda ssehh minn dakinhar li l-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) taghti d-digriet taghha;

(ii) konsegwentement, tiddikjara u tiddeciedi li, in kwantu maghmul b'effett minn data qabel id-data tal-istess digriet, l-istess digriet ma jiswiex; u

(iii) konsegwentement ukoll, tiddikjara null u bla effett l-imsemmi digriet numru 1521/2020 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) in kwantu ddikjara li l-intimat Sivio Vella ma kienx kapaci jiddisponi minn gidu skond il-ligi b'effett b'lura mill-1 ta' Jannar 2020.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt minn issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull jedd u azzjoni ohra

kompetenti lill-esponent b'konnessjoni mal-mertu ta' din il-kawza.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut kif debitament assistit mill-kuratur tiegħu fit-30 t'April, 2020[1], u li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

> 1. Fl-ewwel lok, u mingħajr pregudizzju, ir-rikorrenti m'għandux l- interess guridiku illi jagħmel talbiet fil-konfront ta' digriet illi huwa ma kienx parti minnu u l-anqas kien is-suggett tiegħu.
>
> 2. Fit-tieni, u mingħjar preġudizzju, it-talba hija infondata fil-fatt u fid- dritt 'il għaliex għall-kuntrarju ta' dak li qiegħed jgħid ir-rikorrenti, l-effetti tad-digriet huma dawk maħsuba mill-artikolu 525(2) tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 3. Fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju, ma hemmx lok għat-thassir tad-digriet fuq imsemmi 1 għaliex fil-liġi, it-tħassir jista' jiġi biss meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi, u dan kif irid l-artikolu 526 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk, ma kien hemm ebda bdil fiċ-ċirkostanzi - *ubi lex voluit, divit; ubi noluit, taci u expressio unius est exclusio alterius*.
>
> 4. Fir-raba' lok, huwa stat ta' fatt illi Silvio Vella kien finkapaċità li jikkuntratta sa minn qabel id-digriet; tabilhaqq, ir-rikorrenti kien jaf b'dan il-fatt littiralment l-għada illi ffirma l-konvenju, mertu tal- kawża fl-ismijiet premessi riferenza 915/20RGM, u allura dan tiegħu ma huwa xejn għir tentattiv illi javantaġġja ruħhu mill-posizzjoni prekarja ta' Silvio Vella u jenforza konvenju li qatt ma jista' jiġi enforzat.
>
> 5. Mill-bqija, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tichad it-talbiet kollha tar- rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

[1] Ara fol.15.

4. Rat ukoll l-atti tal-kawża bin-numru 915/2020 fl-ismijiet "Emanuel Borg vs. Silvio Vella", li wkoll tinsab pendenti quddiem din il-qorti, kif presjeduta, billi ġie ordnat li l-provi f'dik il-kawża jiswew ukoll għall-kawża odjerna;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża li l-attur qed iressaq biex jimpunja dikriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fuq talba ta' Christian Vella biex jiġi maħtur bħala kuratur ta' Silvio Vella, minħabba inkapaċità.

8. Din il-kawża ġiet istitwita mill-attur wara kawża oħra minnu mibdija permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 915/2020 fl-ismijiet "Emanuel Borg vs. Silvio Vella", li wkoll tinsab pendenti quddiem din il-qorti, kif presjeduta. B'dik il-kawża, l-attur irid iġiegħel lill-konvenut Silvio Vella jwettaq il-wegħda ta' bejgħ assunta minnu permezz ta' skrittura privata magħmula fis-26 ta' Mejju 2020 fir-rigward ta' proprjetà immobbli sitwata fi Triq Sant'Antnin f'Marsaskala. Dik il-kawża qed tiġi kontestata mill-konvenut, bl-assistenza tal-kuratur tiegħu.

9. Illi l-meritu tal-każ odjern huwa wieħed ristrett għall-validità ta' dikriet mogħti fit-30 ta' Novembru 2020 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "d-Dikriet") mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja). Mill-atti jirriżulta li Christian Vella, neputi ta' Silvio Vella, ressaq rikors quddiem dik il-qorti fit-28 ta' Settembru 2020, li bih huwa talab, fost ħwejjeġ oħra, li jinħatar kuratur temporanju fil-pendenza tal-proċeduri mibdija minnu, kif ukoll li Silvio Vella jiġi eżaminat minn perit wieħed jew aktar sabiex jiġi stabbilit għandux kapaċità biex jiddisponi minn ġidu, u f'każ li m'għandux dik il-kapaċità, tiġi stabbilita data minn meta l-istess Silvio Vella ma kienx hekk kapaċi. Christian Vella talab ukoll li Silvio Vella jiġi interdett jew inabilitat, u li tiġi stabbilita data għal bidu fis-seħħ tar-raġunijiet tal-interdizzjoni jew inabilitazzjoni, kif ukoll sabiex huwa jinħatar kuratur tiegħu.

10. B'dikriet mogħti fit-30 ta' Novembru 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), fost provvedimenti oħrajn, sabet li Silvio Vella ma kienx kapaċi jiddisponi minn ġidu «*mill-anqas sa mill-1 ta' Jannar 2020 'l quddiem filwaqt li ma teskludix li kien hemm perijodi wkoll preċedenti f'ħajtu li kien f'din il-kundizzjoni iżda mill-atti ma tistax tikkonkludi b'ċertezza liema kienu dawn il-perijodi*». Ukoll, iddikjarat lil Silvio Vella inabilitat «*b'effett mid-data tal-1 ta' Jannar, 2020*», u nnominat bħala kuratur tiegħu lil Christian Vella. Bl-istess dikriet, dik il-qorti ċaħdet ukoll talba tal-attur Emanuel Borg sabiex tiddikjara li kull dikriet li jingħata minnha jkun bla preġudizzju għad-drittijiet tal-istess Emanuel Borg kif naxxenti mill-konvenju tas-26 ta' Mejju 2020. Din it-talba tal-attur Emanuel Borg ġiet miċħuda «*stante li din il-Qorti stabiliet li l-inkapaċità ta' Silvio Vella magħruf ukoll bħala Silvio Vella Clarke ilha tippersisti mill-anqas mill-1 ta' Jannar, 2020*».

11. Dawn huma l-fatti li huma rilevanti għall-kwistjoni li tifforma l-meritu ta' din il-kawża. L-uniku ħaġa li għandha tiġi deċiża f'din il-kawża hi jekk il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) setgħetx tinabilita lil Silvio Vella b'effett retroattiv, u bi ħsara għad-drittijiet tal-attur. Jekk hux minnu li Silvio Vella kienx nieqes mill-kapaċità legali biex jiddisponi minn ġidu hija kwistjoni *toto coelo* irrilevanti għall-kawża odjerna – dik il-kwistjoni fil-fatt tifforma l-meritu tal-kawża bin-numru 915/2020, iżda mhux ta' din il-kawża.

12. Fi kliem ieħor, anki jekk it-talbiet tal-attur f'din il-kawża jiġu milqugħa, tibqa' mpreġudikata l-kwistjoni jekk Silvio Vella kienx vestit bil-kapaċità legali neċessarja meta ntrabat b'konvenju mal-attur. F'dan is-sens għalhekk ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut mhux se tiġi akkolta.

13. Il-meritu ta' din il-kawża, għalhekk, huwa wieħed prettament legali. Kemm hu hekk, din il-qorti ma tarax li hemm il-ħtieġa li tagħmel rassenja tal-fatti kif jemerġu mill-atti ta' din il-kawża u mill-atti tal-kawża bin-numru 915/2020, fejn dawk il-fatti huma aktar pertinenti għall-kwistjoni tal-kapaċità jew inkapaċità ta' Silvio Vella fiż-żmien rilevanti. Dak li jinteressa lil din il-kawża huwa l-*iter* u l-atti tal-proċeduri li seħħew quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), u dawn diġà ġew suffiċjentement esposti permezz tal-paragrafi preċedenti.

14. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet ta' natura preliminari, il-qorti jidhrilha li jkun opportun li qabel ma tinoltra ruħha fl-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u fit-talbiet tal-attur, tagħmel xi riljevi qosra dwar in-natura tal-ġurisdizzjoni volontarja, li effettivament issib ruħha fil-pern tal-kwistjoni bejn il-kontendenti f'din il-kawża.

Ikkunsidrat:

15. Illi sa miż-żmien tad-Dritt Ruman kienet markata d-differenza bejn il-ġurisdizzjoni volontarja u dik kontenzjuża. ***Vöet*** jispjega hekk din id-distinzjoni: «*La prima si esercita fra volenti; ne sia d'esempio l'adozione, la manomessione, la emancipazione. Che se l'una di queste cose vien decretata in onta alla volontà dell'una o dell'altra parte, indubitamente la giurisdizione volontaria degenerera in contenziosa... La contenziosa è quella che può esercitarsi tra non volenti mediante cognizione della causa: comechè non sempre ess' abbia luogo realmente fra non volenti, ma alle volte eziandio fra volenti, massime nei giudizj divisorj, allorchè si l'uno che l'altro, tediato dalla comunione, ricorre al giudice insieme coll'avversario...*»[2]. L-istess kittieb jispjega kif maż-żmien, il-ġurisdizzjoni volontarja kienet saret tikkomprendi wkoll atti li jmorru lil'hinn mill-ġurisdizzjoni volontarja, billi kienu jinneċessitaw ukoll ċertu konjizzjoni ta' kawża, u ċjoè diskrezzjoni fl-awtorità ġudizzjarja dwar jekk tilqax jew le t-talba magħmula lilha[3].

16. Illi ġie spjegat awtorevolment kif ġej dwar in-nozzjoni tal-ġurisdizzjoni volontarja:

> Cos'è adunque la volontaria giurisdizione? Considerata nei caratteri che la distinguono dalla contenziosa essa non è altro che la facoltà dell'autorità giudiziaria di provvedere con decreti sugli affari che non offrono contestazione e nei quali l'ufficio del magistrato cui è affidato l'esercizio di questa giurisidizione consiste nello accordare la conferma di un atto, nel completare una capacità imperfetta, nel dare una pubblica attestazione, o nel sancire un fatto volontario delle parti: i quali atti, senza questa solennità, o non avrebbero valor legale o l'avrebbero minore.

[2] Commento alle Pandette (Venezia, 1837), Lib.II, Tit.I, §3.
[3] Ara wkoll ***Imħallef Paolo Debono***, Sommario della Storia della Legislazione in Malta (1897), paġni 318-319, nota numru 97.

> È da osservare però che il vocabolo *volontaria* non significa già che dipende dalla volontà del magistrato o dal pubblico ufficiale che la esercita di accordare o no il proprio concorso; sibbene che codesta giurisdizione si esercita *in volentes*, cioè su persone che vengono spontaneamente a reclamare il suo intervento per ottenere quegli effetti che le leggi fanni dipendere da codesto intervento del magistrato. Egli, nella volontaria giurisdizione, non è tenuto a dare causa vinta a una parte, condannando l'altra, perchè non statuisce sopra una contestazione propriamente detta, non dirime o scoglie una lite, ma autorizza, sancisce, ratifica, consacra in conformità delle disposizioni delle leggi.
>
> Dicendo che le persone vengono spontaneamente a invocare i provvedimenti di volontaria giurisdizione s'intende che non sono tratte in giudizio da una citazione ma che si presentano per conformarsi alle esigenze della legge, senza coazione altrui.[4]

17. Il-ħsieb traċċat hawnhekk huwa mtenni ukoll minn kittieba aktar riċenti dwar is-suġġett: «*Nel linguaggio giuridico moderno per « volontaria giurisdizione » s'intende l'insieme degli interventi dell'autorità giudiziaria che non hanno per oggetto la risoluzione di controversie originate da lesioni di diritti, attuali o potenziali, ma sono rivolti a regolare determinate situazioni giuridiche indipendentemente dall'esistenza di qualsiasi conflitto d'interessi fra soggetti diversi*»[5]. Il-karatteristiċi ewlenin tal-ġurisdizzjoni volontarja għalhekk huma (i) in-nuqqas ta' kontenzjoni; (ii) in-nuqqas ta' attività koattiva, li permezz tagħha persuna ġġiegħel lill-oħra għat-twettiq ta' xi dmir jew obbligazzjoni; (iii) l-assenza tal-effetti tal-ġudikat fil-provvedimenti mogħtija f'dik il-ġurisdizzjoni[6].

18. F'Malta insibu li l-ġurisdizzjoni volontarja kienet, b'effett mis-sena 1814, vestita fit-Tielet Awla tal-Qorti Ċivili. Fis-sena 1822, mbagħad, il-qsim tal-Qorti Ċivili fi tliet awli kien mibdul għal żewġ awli biss, bis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tkun dik affidata bil-ġurisdizzjoni volontarja, b'dan li kien hemm xi riverżjoni għat-Terz'Awla tal-Qorti Ċivili għal xi żminijiet, sakemm ġiet promulgata l-Ordinanza VIII tal-1840[7]. Is-

[4] ***Il Digesto Italiano***, Vol.VI, Pt.i, vuċi «*Camera di Consiglio e Giurisdizione Volontaria (Diritto Giudiz. Civile)*», §42-43.
[5] ***Angela Auciello***, La Volontaria Giurisidizione (Giuffrè Editore, 2015), paġna 3.
[6] ***Auciello***, op cit, paġ.7-8.
[7] Għal spjegazzjoni dettaljata dwar il-qsim tal-Qorti Ċivili f'dik l-epoka, ara l-appendiċi tal-ktieb "Diritto Municipale di Malta" (1843), annotat minn ***Sir Antonio Micallef***.

sitwazzjoni baqgħet l-istess sakemm ferm eqreb għaż-żminijiet tagħna, l-Qorti Ċivili ġiet maqsuma f'diversi sezzjonijiet oħrajn, u kienet is-sezzjoni tal-ġurisdizzjoni volontarja li kienet affidata bil-ġurisdizzjoni taħt eżami.

Ikkunsidrat:

19. Illi l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-attur m'għandux l-interess ġuridiku biex jimpunja d-Dikriet, billi hu ma kienx parti fil-proċediment li seħħ quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, u lanqas ma huwa s-soġġett tad-Dikriet.

20. Illi l-artikolu 35 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid:

> Mid-digrieti tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ma jingħatax appell; iżda, meta l-parti jidhrilha li hija aggravata, tista' tagħmel kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-provvediment meħtieġ.

21. Illi tqum għalhekk il-mistoqsija jekk l-attur f'din il-kawża jistax jitqies «parti» għall-iskop tal-artikolu 35.

22. Illi din id-dispożizzjoni jidher li għadha l-istess kif oriġinarjament promulgata, billi ġiet emendata biss bl-Att IX tal-2004, fejn il-kliem «Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili» ġew sostitwiti bil-kliem «qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja». Din id-dispożizzjoni kienet għalhekk introdotta bħala l-artikolu 44 tal-Ordinanza IV tal-1854, imsejħa «Leggi di Organizzazione e Procedura Civile». Hekk kienet tgħid fit-test oriġinali tagħha din id-dispożizzjoni:

> Dai decreti della Second'Aula della Corte Civile non vi è luogo ad appello; ma in caso di creduto aggravio, si può proporre una domanda innanzi la Prim'Aula della Corte Civile per l'opportuno provvedimento.

23. Għalhekk il-kelma«parti» fit-test Malti ddaħħlet sabiex tirreferi għal min iħossu aggravat bid-dikriet tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, u m'hijiex limitata għal min kien «parti» fil-proċediment quddiem il-qorti volontarja. Wara kollox, fil-ġurisdizzjoni volontarja ma hemmx «parti» vera u proprja, billi l-kelma «parti» timplika loġikament

waħda minn aktar, u ċjoè li hemm aktar minn «parti» waħda, kif inhu l-każ fil-ġurisdizzjoni kontenzjuża.

24. Din l-interpretazzjoni tal-qorti tidher li hija suffragata wkoll mid-deċiżjonijiet ***Emmanuele Tabone vs. Rosina moglie dello stesso Emmanuele Tabone*** (Prim'Awla, 6/2/1904)[8], ***Joseph Aquilina noe vs. Richard dei Conti Stagno Navarra et*** (Appell Superjuri, 29/11/2013) u ***Assunta Vella vs. Philip Vella et*** (Appell Superjuri, 2/6/1961)[9], fejn ġew milqugħin azzjonijiet magħmula taħt l-artikolu 35 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili minn persuni li, għalkemm ħassuhom aggravati minn dikrieti mogħtija mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, ma kienux il-persuni li adixxew lil dik il-qorti. Hekk ukoll, fid-deċiżjoni ***Angelo Gauci vs. Dr. Louis Galea, O.B.E., ne*** (Prim'Awla, 14/3/1955)[10] ġie osservat: «*Imma b'din id-dispożizzjoni l-liġi trid evidentement tfisser illi mid-digrieti tas-Sekond'Awla ma jsirx appell lill-Qorti ta' l-Appell, iżda* ***min jidhirlu li jkun aggravat minn digriet tas-Sekond'Awla*** *għandu jagħmel kawża quddiem din il-Qorti*».

25. Fil-każ odjern, l-attur wera biżżejjed l-interess ġuridiku tiegħu, konsistenti fl-effetti li d-Dikriet impunjat minnu għandu fuq il-jeddijiet patrimonjali tiegħu, senjatament fuq il-validità tal-konvenju li huwa jrid jenforza permezz tal-kawża bin-numru 915/2020.

26. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi riġettata.

Ikkunsidrat:

27. Illi niġu issa biex inqisu l-mertu proprju tal-kawża, u ċjoè jekk il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja setgħetx tagħti lill-provvedimenti tagħha effetti retroattivi, u dan bi ħsara għad-drittijiet tal-attur.

28. Konformement mal-prinċipji saljenti li ġew esposti aktar kmieni f'din is-sentenza dwar il-kunċett tal-ġurisdizzjoni volontarja, huwa elementari li l-provvedimenti mogħtija f'dik il-ġurisdizzjoni ma jistgħux jidderimu kwistjonijiet jew litiġji li r-rikorrenti jkollu

[8] Kollezz. Vol.XIX.ii.14.
[9] Kollezz. Vol.XLV.i.203.
[10] Kollezz. Vol.XXXIX.ii.600.

ma' terzi dwar drittijiet li dawk it-terzi jkunu qed jippretendu. Id-determinazzjoni ta' litiġji u tilwimiet dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet hija mħollija għall-ġurisdizzjoni kontenzjuża biss.

29. Meta l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, permezz tad-Dikriet, iddeċidiet li tippronunzja l-inabilitazzjoni ta' Silvio Vella b'mod retroattiv, seħħ li dik il-qorti kienet effettivament qed tiddeċiedi dwar il-validità tal-konvenju li l-attur iffirma mal-istess Silvio Vella. Din, però, hija materja li bl-aktar mod ċar teżula mill-ġurisdizzjoni volontarja, u għalhekk ma setgħetx issir. Dan aktar u aktar meta l-attur kien saħansitra ressaq rikors quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja sabiex jgħarrafha bil-pretensjonijiet tiegħu dwar il-validità ta' dak il-konvenju.

30. Illi din il-qorti eżaminat id-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-setgħat u d-dmirijiet tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja f'materji ta' interdizzjoni jew inabilitazzjoni, u ma jirriżultax li xi waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet tagħtiha s-setgħa li twettaq l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni b'effett retroattiv. Il-konvenut jirreferi, fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, għall-artikolu 525(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> L-atti ta' qabel l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni jistgħu jiġu annullati, jekk ir-raġuni tal-interdizzjoni jew tal-inabilitazzjoni kienet teżisti fiż-żmien li saru dawk l-atti.

31. Din id-dispożizzjoni però ma tgħinx lill-konvenut, għaliex is-setgħa li jiġu annullati atti li saru qabel l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni tappartjeni lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża, fil-kuntest ta' proċeduri kontenzjużi li jsiru kontra t-terz li għandu interess f'dak l-att. Anzi, fil-fehma tal-qorti din id-dispożizzjoni tkompli tiffortifika l-fehma tagħha li l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ma tistax tippronunzja l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni b'mod retroattiv. Dan huwa hekk għaliex jekk tassew l-interdizzjoni (jew l-inabilitazzjoni) jistgħu jiġu pronunzjati b'effett retroattiv, ma jkunx hemm «atti ta' qabel l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni», għaliex dawk l-atti jkunu wkoll «wara» l-interdizzjoni, b'effett tal-pronunzjament *ex tunc* tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.

32. Fid-deċiżjoni ***Giuditta Curmi moglie di Francesco dallo stesso legalmente quanto ai beni separata vs. Giorgio Martin ed altri*** (Appell Superjuri, 10/9/1917)[11] intqal: «*È principio di legge che qualunque decreto della Second'Aula della Corte Civile di Sua Maestà non pregiudica i terzi…*». Kemm hu hekk, hija l-prassi aċċettata dik li fejn fil-ġurisdizzjoni volontarja tqum kwistjoni kontenzjuża, il-qorti tirreferi lill-parti għall-ġurisdizzjoni kontenzjuża (ara, per eżempju, ***Fedele Cutajar et vs. Sacerdote Giuseppe Rosso***, Appell Superjuri, 23/6/1865[12]; kif ukoll ***Orade Ellul vs. Alessandro Grech Ellul et***, Prim'Awla, 4/2/1911[13]).

33. Minn dan kollu għalhekk isegwi li meta l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tat effett *ex tunc* lid-Dikriet, kienet qed tippreġudika d-drittijiet tal-attur b'mod li eċċediet il-ġurisdizzjoni tagħha u eżerċitat mansjonijiet mil-liġi affidati lill-ġurisdizzjoni kontenzjuża.

34. Finalment, u b'riferenza għat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, il-qorti jidhrilha li l-artikolu 526 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux ta' xkiel għat-talbiet tal-attur. Din id-dispożizzjoni sempliċiment tagħti l-fakultà lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja biex tneħħi l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni kemm-il darba jispiċċaw ir-raġunijiet għalihom. B'ebda mod ma tnaqqas jew taffettwa d-dritt t'azzjoni fil-ġurisdizzjoni kontenzjuża li l-liġi tikkontempla fl-artikolu 35 tal-istess Kodiċi.

35. Għalhekk it-talbiet tal-attur f'din il-kawża jistħoqqilhom jintlaqgħu.

36. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut;

(ii) tiċħad ukoll ir-raba' eċċezzjoni billi tqisha rrilevanti għall-meritu ta' din il-kawża, u mingħajr ebda preġudizzju għall-meritu tal-kawża bin-numru 915/2020;

[11] Kollezz. Vol.XXIII.i.553.
[12] Kollezz. Vol.III.370.
[13] Kollezz. Vol.XXI.ii.247.

(iii) tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti;

(iv) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur